MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011

Numru. 897/2011

Il-Pulizija
(Sp James Gerch)
vs
Roderick Brincat, iben Anna Maria Brincat, imwieled Pieta' fit-8 ta' Diċembru, 1986,Karta ta' l-Identita numru 21187(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-2 ta' Awwissu, 2011 għal ħabta tas-6.30 p.m. fil-Belt, Valletta:
1. ħebb għal Raymond Falzon u ikkaġunalu offiżi gravi kif iċċertifika Dr. Maria Callus M.D. mill-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra Raymond Falzon biex jinġurjah jew idejqu;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nġurja jew hedded, jew jekk ipprovokat, inġurja lil Raymond Falzon b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mmolesta lil Raymond Falzon biex jitlob il-karita;
6. b'hekk għamel delitt waqt perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi;
7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara ħwejjeġ Raymond Falzon liema ħsara me teċċedix il-valur ta' €116.47.

Il-Qorti ġiet mitluba tqis lil Roderfick Brincat bħala reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fejn tipprojdixxi lill-imputat milli javviċina lil Raymond Falzon u ir-residenza tiegħu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.
F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta ta' Raymond Falzon u il-familja tiegħu skont l-artikolu 382A et sequitur tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011 fejn Raymond Falzon ħafer lill-imputat ta' dak li kien għamillu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 216, 325(1)(ċ), 338(x)(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat il-fedina penali fejn ġiet indikata s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-22 ta' Ottubru, 2007 fejn l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal perjodu ta' erba' snin. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ta' sentejn priġunerija tibda sseħħ b'effett immedjat. Rat il-fedina penali fejn ġiet indikata s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar, 2008 fejn l-imputat ġie kkundannat għal

piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal perjodu ta' erba' snin. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ta' sentejn priġunerija tibda sseħħ b'effett immedjat. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 382A et sequitur u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Billi l-imputat hu maħkum mill-vizzju tad-droga hu rakkomandat li mill-aktar fis jibda programm għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra dan il-vizzju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------